MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Numru 140/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Carmel Manicaro ta’ 43 sena, iben Joseph u Carmela nee Schembri, mwieled Tarxien fit-8 ta’ Novembru, 1955, u joqghod Nru. 88, St Mary Street, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 780555(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Manicaro li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur u cioe fl-24 ta' Jannar, 2000 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

(a) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew import ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe diversi hwejjeg ta' ditti rinomati li huma kollha foloz, fosthom Adidas, Reebok Nike u ditti ohra, bi ksur ta' l-artikolu 298(1) (f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkollha persuna ohra protetti bil- jew taht il-ligi ta' Malta u cioe offra ghall-bejgh hwejjeg ta' ditti rinomati fosthom Adidas, Nike, Reebok u ditti ohra, bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(c) Talli naqas li jirrenova l-licenzja tieghu ta' bejjiegh tat-toroq (hawker) ghal snin 1998, 1999 u 2000 u b'hekk fl-24 ta' Jannar, 2000, f'Marsascala ghall-habta tas-6.00 p.m. ta' filghaxija, opera l-istess mistier u cioe ghamilha ta' bejjiegh tat-toroq (merca, frott u haxix), minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 181 (l) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji. Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri. Rat ukoll li fl-istadju ta' interrogatorju hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll li wara li ngabru l-provi, l-akkuzat fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2003 huwa rregistra l-ammissjoni tieghu.

Rat ukoll il-kwerela prezentata fir-rigward tad-ditta Adidas.

Rat ix-xhieda migbura li senjalament stabilixxew
(a) li l-oggetti in kwistjoni refa' u ha responsabilita' taghhom l-akkuzat.
(b) li gie stabilit li dawn kienu fil-van/mobile kiosk fuq is-seat ta' quddiem, stabbiliet ukoll li dawn ma kinux mghottijin
(d) li fid-data ta' l-akkuza, Manicaro ma kellux licenzja ta' hawker nonostante l-ammissjoni l-Qorti ma setghet qatt temmen li (a) il-hwejjeg in kwistjoni kienu mixtrija biex jinghataw rigali lill-parruccjani (b) li l-istess kienu fil-vettura mghottijin.

Premess dan kollu u anke in vista ta' l-ammissjoni wara li rat l-artikolu 298(1), 298B tal-Kap 9, l-artikolu 181 tal-Kap 10, artikolu 17 tal-Kap 9 qed issibu hati ta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat, ma taqbilx din il-Qorti ma' dak li stqarret id-Difiza fit-trattazzjoni taghha u cioe li l-hwejjeg maqbuda kienu ghal-uzu tal-familja ta' l-akkuzat. Dan il-fatt ma jirrizulta minn imkien u lanqas ma taqbel ma' dak mistqarr minnu stess fl-istqarrija. Qieset li veru li mill-fedina ma jirrizultax li l-akkuzat kien instab hati ta' reati simili, pero' ma tistax din il-qorti ma tapprezzax id-dannu ekonomiku li jgibu maghhom tali reati. Jidher fil-fatt mill-fedina penali ta' l-akkuzat li hu ma tantx ghandu apprezzament ghal dawk il-ligijiet u regolament li jirregolaw il-kummerc, ligijiet li huma ntenzjonati biss biex jizguraw kummerc u kompetitivita' sani. Ghaldaqstant thoss li galadarba huwa bbenefika mill-art 21 u 28A tal-Kap 9, ftit li xejn qed jifhem l-imputat azzjonitu. Thoss pero', anke minhabba dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha, li m'ghandhiex tbati piena karcerarja b'effett immedjat ghalhekk wara li rat l-art 28A tal-Kap 9 tikkundannah ghal sitt (6) xhur habs sospizi ghal tmintax (18)-il xahar. Tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------